Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 9/2025

24 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat: Ħadd

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal li peress li preżenti kien hemm Dr Rachel Scicluna biex tagħti rendikont tal-Proġett Guardian of Future Generation, il-Kunsill kienu ser jgħaddu għal item 9.4 mill-Agenda biex Dr Scicluna ma jkollix għalfejn tibqa' tistenna.

**9.4 Guardian of Future Generaion Project**

Dr Rachel tat rendikont tal-proġett Guardian of Future Generation fejn tat enfasi fuq il-mappa li inħolqot b'rotta biex jingħaqdu t-tlett irħula: Ħal Safi, iż-Żurrieq u Ħal Kirkop. Waqt l-istess laqgħa Dr Rachel Scicluna talbet li l-Kunsill iżomm is-Sala tal-Kunsill vakant nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru, 2025 sabiex jiġi mniedi dan il-proġett.

Il-Kunsillier Kurt Debono kien preżenti għal laqgħa 18.12 filwaqt li Dr Rachel Scicluna ħarġet mil-laqgħa 18.13.

Peress li preżenti kien hemm is-Sur Alex Zammit, l-organiser għal Festa Familja l-istess is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jgħaddi għal item 9.7 Festa Familja.

**9.7 Festa Familja**

Is-Sur Alex Zammit ta spjegazzjoni sħiħa kif kienet pjanata l-attivita' għal Festa Familja u li għal din is-sena ser ikun hemm ukoll preżenti l-PBS bil-programm ta' Bonġu Malta. Is-Sur Alex Zammit ħareġ mil-laqgħa fis-19:00 u l-Kunsill kompla bil-laqgħa tal-Kunsill.

**9.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittra ta' apoloġija.

**9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

9.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 8.1.5 (proġett Town Twinning) issa l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni għal dan il-proġett u ovjament issa kellna nistennew l-esitu tal-applikazzjoni biex naraw jekk ħadniex il-fondi mill-EU.

9.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 8.1.6 (proġett San Filippo Del Mela fi Sqallija) minn naħa tal-Kunsill kienu ser jattendi sitt persuni fosthom il-Viċi Sindku li kien qed jirrappreżenta l-Kunsill. Is-Sindku sjega li bħala spejjeż il-Kunsill kien ser jixtri rigal lil-host u bagalja waħda biex nieħdu l-gifts lil-parteċipanti.

9.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 8.1.8 (Proġett New Water) kellhom ikomplu bit-tarmak l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill.

9.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 8.2.2 (Safi 5K) l-organiser kienet applikat għal permessi u kif diġa' kien diskuss il-5K kellha ssir l-ewwel Ħadd ta' Diċembru. Is-Sindku qal li din is-sena Safi 5K kienet ser issir kollaborazzjoni mal-Kunsill Ħal Safi u Reġjun Punent.

9.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 8.2.4 (rotta tal-linja li tgħaddi minn ħdejn Ġnien Dun Karm Vella) il-Kunsill kien għadda l-proposti l-ġodda lil Transport Malta li għalihom konna għadna qed nistennew risposta.

9.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 8.3.4 (half maraton) kien tkellem mal-organiser fejn kellu konferma li ma kinitx ser taffetwa l-attivita' ta' Festa Familja għaliex kienu ser jagħlqu Triq Carmelo Caruana sad-9:00am u hekk kif ilestu kellhom jiftħu t-toroq.

9.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 8.3.7 (fanali fil-UCA) il-Kunsill kien iċċekkja l-prezz għal dawn il-fanali li huwa ta 1300 Euros. Is-Sindku spjega li l-iskrivan kien mar jiċċekja u fil-fatt hemm tlett fanali, tnejn li kien semma' l-Kunsilliera Kurt Debono u oħra mal-kantuniera tal-Każin apparti tlieta oħra fl-isqaqien. Is-Sindku qal li biex jinbidlu dawn il-fanali kollha kienet titla' spiża kbira u għalhekk issuġerixxa li nistennew forsi toħroġ xi skema u nkunu nistgħu naplikaw għalihom. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**9.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**9.2.1** Is-Sindku qal li fil-laqgħa tal-Kunsill preċidenti, l-Kunsill kien approva sabiex isir Road Safety Assessment ta' Triq San Pawl kantuniera ma Triq San Gwann kif ukoll Triq San

Gwann kantuniera ma Triq il-Kuċċard sabiex jitnaqqas il-periklu f'dawn iż-żewġ toroq. Is-Sindku qal li huwa kien attenda *site visit* sabiex ikun jista' jsir rapport li wara li jiġi diskuss mill-Kunsill, ngħadduh lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

9.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 28 ta' Awwissu kien attenda laqgħa ma Projects Green u l-Perit ta' Studju Urban rigward ir-*rerouting* tat-*traffic management* minħabba l-proġett ta' Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega kif kienet ser taħdem l-*one way system* madwar Ġnien Dun Karm Vella għaliex minħabba l-bus stop kien ser ikollna neqilbuhom. Is-Sindku għadda *l-bus routes* ta' dawn l-imsemmijin toroq u saret diskussjoni. Il-Kunsill approva unanimament il-bdil fil-*one way* ta' Triq il-Biedja u Triq Dun Karm Vella.

9.2.3 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru, 2025 il-Kunsill iltaqa' mal-Perit Luke Azzopardi minn naħa ta Projects Green fejn saret prezentazzjoni oħra bid-disinji l-ġodda tal-Ġnien, fejn jidher ċar li kienu ndirizzati t-tħassib li nqalgħu waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti. Is-Sindku qal li issa jidher li l-Kunsill kien qed jistenna sabiex jgħaddu l-permessi meħtieġa biex inkunu nistgħu nibdew il-proġett filwaqt li fil-fratemp kien qed isir il-*procurement g*ħal dan il-proġett minn naħa ta' Project Green.

9.2.5 Is-Sindku qal li nhar il-Tlieta 9 ta' Settembru, 2025 kienu ikkuntatjawh mill-Ministeru tal-Kultura minħabba *Mobile App 'Explore Malta Project.'* Is-Sindku spjega li huwa kien għaddhilhom il-lista tal-postijiet storiċi fil-lokal tagħna li l-quddiem kienet ser titwaħħlilhom *beacon* żgħira fuq barra. Is-Sindku kompla jispjega li issa l-Kunsill kien qed jistenna sabiex isir *site visit* biex jiġi diskuss fejn ser jeħlu dawn il-beacons.

9.2.6 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 6 ta' Settembru, 2025 fil-preżenza tal-Kunsilliera Claire Zammit, saret laqgħa ma' Għaqda Residenti Safi għaliex kienu nkwetati rigward l-iżvilupp massiv li kien ħa jsir fl-area t'Amparell fejn diġa' kienu ntefgħu terz tal-applikazzjonijiet li jammontaw 128 appartament. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien għadu għaddej bl-oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, mhux għax il-Kunsill kontra l-iżvilupp iżda għaliex il-Kunsill kien qed jesiġi, fost affarijiet oħra, li jsiru *strategic impact assessment u master plan* ta' kif dan l-iżvilupp ser jaffetwa l-lokalita'. Madanakollu sa issa jidher li dan għadu ma sarx. Is-Sindku kompla jispjega li l-Għaqda Residenti Safi kellhom il-ħsieb li jagħmlu protesta pero'sa issa kien jidher li għad ma hemmx data stipulata.

9.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex il-Kunsill Lokali tat-tfal jorganizzaw attivita' mal-Ġnien Dun Karm Vella fejn iż-żewġ toroq madwar il-Ġnien kienu ser jinbidlu fi '*Play Street'* għal logħob tradizzjonali Malti, nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru is-Sibt wara nofsinhar bejn is-2:00 – 5:00pm. Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku qal li kien ser jissuġerixxilhom biex l-attivita' ssir fi Triq il-Menqa bil-ħsieb li jkunu jistgħu jużaw il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill qabel.

9.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex persuna tagħmel użu mid-*Dog Park* fejn ser tkun qiegħda tagħmel promozzjoni tal-ikel għal klieb. Is-Sindku qal li min jattendi d-dog park dakinhar ser jingħata sample ta' ikel b'xejn. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħtu l-approvazzjoni għal din it-talba.

9.2.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba oħra biex isiru *crochet classes* għat-tfal u adulti. Huwa spjega li s-sala diġà mikrija kuljum filgħaxija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li noffrulha jekk tikkunsidrax tagħmel il-lezzjonijiet jew filgħodu jew inkella s-sibtijiet u naraw magħha jekk il-lezzjonijiet ser ikunu offruti b'xejn għal pubbliku.

9.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba oħra biex isiru l-lezzjonijiet tal-*aerobics.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk mhix flessibbli fil-ġurnata m'għadx hemm post fejn nistgħu nakkomodawha u għalhekk qablu li noffrulu l-ġurnata tas-Sibt.

9.2.11 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li anki hija kienet irċeviet talba biex jużaw s-sala għal lezzjoijiet tas-sfin. Il-Kunsill l-istess qabel li ferm diffiċli jekk mhix interessata fil-weekend.

9.2.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba għal mera fi Triq il-Karwija sabiex joħorġu fil-main road. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir.

9.2.13 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għat-tiżjin tal-Milied. Huwa qal li l-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni waħda biss cioe' mill-istess kuntrattur tas-sena l-oħra. Is-Sindku qal li dan il-kuntrattur kien kwota għall-istess toroq bħas-sena l-oħra bl-istess prezz ta' 4,000 Euros Vat inkluż. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nmexxu b'din il-kwotazzjoni.

**9.2.14** Is-Sindku ressaq inizjattiva oħra kulturali dik ta' Serata Marjana. Is-Sindku spjega li apparti l-10,000 Euros għall-attiviatjiet Kulturali, kien hemm allokati 3,000 Euros oħra mir-

Reġjun Punent sabiex issir attivita' marjana. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li l-attivita' kienet skedata għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru, 2025 fid-9:00pm naraw jekk l-organiser jirnexxilux ibiddel il-ħin tal-attivita' biex ikollna aktar konkorrenza.

**9.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus staqsa jekk kinux komplew bit-tarmak fi Triq San Anton u hekk kif ilesta jikinsu l-Misraħ għaliex kien hemm mandra sħiħa. Is-Sindku kkonferma li l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill kellhom ikomplu bit-tarmak, pero' qal li għalkemm it-trinek kienu mqattgħin, kien jinħtieġ li jgħaqqdu l-proġett ma Ħal Far.

9.3.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li l-pjanti li kien hemm fil-pots tal-bandli kienu nixfu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jinbidlu.

9.3.3 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li nhar il-Ħamis 30 ta' Ottubru, 2025 kienet ser tiġi organizzata attivita' għal Haloween fil-librerija. Hija tat rendikont tal-attivita' lill-Kunsillieri.

9.3.4 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li l-bieb tal-librerija ma kienx qed jingħalaq sewwa u kien qed jeħel meta tiġi biex tiftħu.

9.3.5 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li f'Novembru kienet ser tiġi organizzata 'Buffet Breakfast u wara Tombla fl'Alexandra Hotel San Ġiljan. Hija ssuġġerixxiet li t-transport għal din l-attivita' jħallsu l-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

9.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla fakkret li nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru, 2025 fil-pjazza kien ser ikun hawn l-blood donation bank filwaqt li s-Sibt 4 ta' Ottubru, 2025 kienet ser tiġi organizzata ġurnata Sqallija.

9.3.7 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li tal-mużew tal-bniet kienu qed iressqu talba sabiex waqt id-dħul u l-ħruġ tal-mużew ikun hemm il-presenza tal-Community Police. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba.

9.3.8 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li għal darb'oħra kienet qed tressaq it-talba sabiex jinżergħu xi tip ta' arbuxelli fi Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku kkonferma li huwa kien ta' diversi spazji sabiex Projects Green jagħmlulna landscaping inkluż it-tisqija, u dan il-post kien wieħed minnhom.

9.3.9 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet rigward il-laqgħa mal-Każin rigward il-proġett tal-pjazza. Is-Sindku qal li hekk kif il-Periti jlestu l-proposti minn naħa tagħhom il-Kunsill kien ser jagħjat laqgħa mal-Każin u l-Kappillan biex ngħaddulhom l-updates tal-proġett.

9.3.10 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kienet saret il-bankina ta' Triq Dun Ġużepp Caruana u ħdejn l-iskola kien hemm bin li baqa' ma weħilx. Is-Sindku qal li dan il-bin ma kienx weħel minħabba li kien qed jimblokka l-bankina.

9.3.11 Il-Kunsillier Kurt Debono ressaq talba sabiex l-isqaq mal-ġenb tal-Kazin PN mad-djar kien hemm ħafna żibel u ħaxix ħażin biex inneħħuh. Is-Sindku kkonferma li dan huwa post privat u għalhekk ma kienx ser jitnaddaf mill-Kunsill, l-aktar li nistgħu forsi naqtgħu xi ftit il-ħaxix.

9.3.12 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li Triq l-Ibraġġ kien hemm xi siġra li kellha bżonn żabra. Is-Sindku kkonferma li ma kienx għadda ħafna żmien minn mindu żbarna s-siġar mar-raħal.

9.3.13 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-knis waqt il-festa kien sar minn nies tal-Cleansing u li dawn kienu ġew kmieni wisq fil-fatt eżatt kif spiċċa l-marċ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li sena oħra nagħtuhom il-ħin iktar tard biex jiġu jikinsu.

9.5 Kwotazzjonijiet Tabelli għall-Traffic Management.

Is-Sindku ressaq tlett kwotazzjonijiet sabiex isiru t-tabelli biex jiġi mplimentat l-ewwel fażi tat-traffic managment. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu l-orħos kwotazzjoni cioe dak ta' 5374.90 Euros (VAT inkluża).

9.6 Ħatra Bord Evalwazzjoni Bulky Refuse

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal dan il-kuntratt kienu ntefgħu tlett offerti u kien jinħtieġ li l-Kunsill jevalwa dan il-Kuntratt. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsilliera kollha jkunu fuq il-bord tal-evalwazzjoni.

9.8 Korrispondenza

Ma kienx hemm talbiet għal diskussjoni ta' xi korrispondenza.

**9.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**0.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.56pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 20 ta' Ottubru, 2025 fil-5:30pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv